



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

15.4.2014

B7-0441/2014

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

impressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni/tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-persjoni Russa fuq il-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant u b'mod partikolari d-destabilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukraina (2014/2699(RSP))

**Rebecca Harms, Mark Demesmaeker, Werner Schulz, Tarja Cronberg, Ulrike Lunacek, Helga Trüpel**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

RE\1027417MT.doc

PE534.918v01-00

**MT**

*Magħquda fid-diversità*

**MT**

**B7-0441/2014**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-pessjoni Russa fuq il-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant u b'mod partikolari d-destabbilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukraina (2014/2699(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Ukraina, b'referenza partikolari għar-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-27 ta' Frar 2014<sup>1</sup> u tat-13 ta' Marzu 2014<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqgħa straordinarja tal-Kunsill Affarijiet Barranin dwar l-Ukraina tat-3 ta' Marzu 2014 u l-konklużjonijiet tal-laqgħat tal-Kunsill Affarijiet Barranin tas-17 ta' Marzu 2014 u tal-14 ta' April 2014,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kaprijiet ta' Stat jew ta' Gvern dwar l-Ukraina fil-Kunsill Ewropew tas-6 ta' Marzu 2014,
  - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar l-Ukraina tal-20 ta' Marzu 2014,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi f'dawn l-aħħar jiem seħħew dimostrazzjonijiet pro-Russi fl-Ukraina tal-Lvant; billi f'Donetsk, Lugansk u Kharkiv id-dimostranti okkupaw is-sedi tal-amministrazzjoni statali reġjonali u binjiet pubbliċi oħra; billi s-separatisti attakkaw ukoll binjiet tas-Servizz tas-Sigurtà u l-uffiċċji tal-istazzjonijiet tal-televiżjoni lokali;
- B. billi dimostranti pro-Russi f'Donetsk ipproklamaw ir-'Repubblika ta' Donetsk' u biħsiebhom isejħu referendum dwar l-appoġġ għal dik ir-'repubblika sovrana' sa mhux aktar tard mill-11 ta' Mejju 2014; billi, fuq l-eżempju ta' Donetsk, f'Kharkiv u f'Lugansk dimostranti pproklamaw 'repubbliki popolari';
- C. billi bejn it-12 u t-13 ta' April 2014, għases tal-pulizija u binjiet tal-gvern fi Sloviansk, Kramatorsk, Krasnyi Liman, Mariupol, Yenakieve u bliet oħra fir-reġjun ta' Donetsk ġew attakkati u maħtufa minn irġiel armati tajjeb, mhux identifikati u mgħammda f'sensiela ta' attakki koordinati; billi tul il-għied miet tal-anqas uffiċjal wieħed u bosta sfaw midruba;
- D. billi fil-ġimgħat li għaddew ir-Russja ġemghet forzi military fuq il-fruntiera tagħha mal-Ukraina; billi hemm riskju reali li r-Russja tista' tipprova tirrepeti x-'xenarju tal-Krimea' bl-okkupazzjoni u l-annessjoni ta' partijiet tal-Ukraina tax-Xlokk;
- E. billi fl-1 ta' Marzu 2014 il-Kunsill tal-Federazzjoni Russa ta l-awtorità lill-President Putin li juża l-forzi armati Russi fuq it-territorju tal-Ukraina, fuq talba tal-President innifsu, bl-użu tal-pretest falz li s-sitwazzjoni fl-Ukraina kienet ta' theddida għal ħajjet

---

<sup>1</sup> Testi adottati, P7\_TA(2014)0170

<sup>2</sup> Testi adottati, P7\_TA(2014)0284.

iċ-ċittadini Russi;

- F. billi dan l-aħħar ma kien ġie rrappurtat fl-Ukraina l-ebda attackk, intimidazzjoni jew diskriminazzjoni ta' kwalunkwe tip kontra ċittadini Russi jew Russi etniċi jew minoranzi oħra;
- G. billi l-azzjonijiet tas-separatisti jidhru li huma intiżi biex jiddestabilizzaw il-pajjiż, iħarbtu l-proċess elettroali u jdgħajfu l-gvern il-ġdid, f'koordinazzjoni mal-isforzi ta' Moska biex tintensifika l-pressjoni fuq Kiev fil-livell ekonomiku, militari u politiku, bil-għan li l-awtoritajiet Ukraini jisfaw deligittimizzati u l-Ukraina ma titħalliex tkompli tintegra ruħha aktar mal-UE;
- H. billi, f'dan ir-rigward, mill-1 ta' April ir-Russja għolliet il-prezzijiet tal-gass għall-Ukraina għal USD 486 kull elf metru kubu, b'tali mod li unilaterlament temmet l-iskont li l-Ukraina kienet tirċievi bħala parti mill-Ftehimiet ta' Kharkiv, u f'dawn l-aħħar ġranet ipprojbiet id-dħul ta' prodotti tal-ħalib mill-Ukraina fit-territorju Russu; billi l-Fedreazzjoni Russa applikat ukoll, b'mod arbitrarju, restrizzjonijiet kummerċjali unilaterali fuq prodotti mill-Ġeorġja u mill-Moldova;
- I. billi l-UE, b'appoġġ għall-Ukraina, adottat pakkett ekonomiku li jinkludi wkoll għajnuna makrofinanzjarja u miżuri kummerċjali awtonomi; billi l-Ukraina appik li tiffinalizza ftehim mal-Fond Monetarju Internazzjonali dwar pjan ta' għajnuna; billi l-kundizzjonijiet assoċjati ma' dan il-ftehim sal-lum inżammu kunfidenzjali; billi s-sitwazzjoni soċjali u ekonomika tal-pajjiż qed tkompli tmur lura;
- J. billi fil-21 ta' Marzu 2014 l-UE u l-Ukraina ffirmaw id-dispożizzjonijiet politiċi al-Ftehim ta' Assoċjazzjoni (FA) bl-impenn li, mill-aktar fis possibbli, jiffirmaw il-bqija tal-ftehim, li jinkludi ż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Profond u Komprensiv;
- K. billi fl-10 ta' April 2014 l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa adottat rizzoluzzjoni li tirtira d-drittijiet tal-vot tar-rappreżentanti tal-Federazzjoni Russa fl-Assemblea, minħabba l-annessjoni tal-Krimea mir-Russja wara l-okkupazzjoni militari tal-peniżola;
- L. billi hemm il-hteġa ta' azzjoni diplomatika internazzjonali qawwija fil-livelli kollha bil-għan li s-sitwazzjoni tiġi kkalmeta u l-kriżi ma titħalliex tkompli tikber u taħrab kull kontroll; billi l-UE jeħtiġilha twieġeb b'mod effikaċi biex tħalli lill-Ukraina u lil pajjiżi oħra tas-Sħubija tal-Lvant jeżerċitaw u jgawdu bis-sħiħ is-sovranità tagħhom, ħielsa minn pressjoni esterna;
- M. billi, f'dan ir-rigward, l-OSKE ddeċidiet li tibgħat missjoni internazzjonali fl-Ukraina bil-għan li twettaq monitoraġġ tas-sitwazzjoni u tikkalma l-kriżi; billi l-Kunsill Ewropew talab li r-Rappreżentant Għoli tfassal pjanijiet għal kontribut tal-UE li jiffaċilita l-ħidma tal-missjoni tal-OSKE;
- 1. Jesprimi t-tħassib profond tiegħu dwar il-kriżi li għaddejja u dwar l-implikazzjonijiet, l-impatt u l-konsegwenzi potenzjali li jista' jkollha fuq is-sigurtà tar-reġjun kollu kemm hu, kif ukoll fuq il-ġejjieni tar-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja; jappella lill-atturi kollha, f'dan ir-rigward, biex jaġixxu b'mod kostruttiv u jagħtu xhieda ta' rażan bil-għan

li jikkalmaw il-kriżi u jsibu soluzzjoni vijabbli li tistabbilizza s-sitwazzjoni u tħalli lill-awtoritajiet tal-Ukraina jimmaniġġjaw u jindirizzaw b'urġenza u b'effikaċja l-problemi ekonomiċi u soċjali tal-lum;

2. Jiddispijaċih, f'dan ir-rigward, li l-approċċ responsabbli meħud mill-awtoritajiet ta' Kiev li jippruvaw isolvu l-kriżi permezz tad-djalogu u b'mezzi diplomatiċi sal-lum ma rnexxiex, u jħeġġiġhom jintensifikaw l-isforzi tagħhom beix isaħħu l-unità tal-pajjiż u jiksbu rikonċiljazzjoni bejn il-komponenti kollha tas-soċjetà Ukraina; jappella, f'dan ir-rigward, għad-diżarm immedjat tal-gruppi paramilitari u tal-forzi ta' awtodifiża kollha;
3. Jikkundanna bil-qawwa l-annessjoni tal-Krimea mill-Federazzjoni Russa bħala att li jikser id-dritt internazzjonali u l-att finali ta' Ħelsinki, u jistieden lil Moskwa biex minnufih tnaqqas u tirtira t-truppi minn mal-fruntiera Ukraina u ttejjem kwalunkwe azzjoni jew infiltrazzjoni deliberata u kull indħil politiku jew sostenn moħbi għad-dimostrazzjonijiet li qed isiru fl-Ukraina tal-Lvant, bħala l-ewwel pass konkret intiż biex jikkalma l-kriżi;
4. Iffakkar lir-Russja fl-obbligi ġuridiċi tagħha bħala firmatarja tal-Memorandum ta' Budapest tal-1994, li taħtu l-partijiet qablu li joqogħdu lura mit-theddida jew mill-użu tal-forza kontra l-integrità territorjali jew l-indipendenza politika tal-Ukraina;
5. Jistenna bil-ħerqa l-laqgħa kwadripartitika bejn ir-Rappreżentant Għoli tal-UE, is-Segretarju tal-Istat Amerikan u l-Ministri Barranin tar-Russja u tal-Ukraina, u jittama li din il-laqgħa tista' tikkontribwixxi biex tbaxxi t-tensjoni u twitti t-triq għal soluzzjoni diplomatika komprensiva u dejjiema tal-kriżi; jenfasizza, madankollu, li l-għażliet tal-Ukraina fil-ġejjieni jista' jagħmilhom biss il-poplu Ukrain innifsu, permezz ta' proċess demokratiku, inklussiv u trasparenti; iħeġġeġ lill-awtoritajiet ta' Kiev, f'dan ir-rigward, biex jagħmlu kull sforz ħalli jiżguraw li l-elezzjonijiet presidenzjali skedati għall-25 ta' Mejju 2014 isiru b'rispett sħiħ tal-istandards tal-OSKE u, f'dan ir-rigward, jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li talloka EUR 5 miljun f'għajjnuna biex tappoġġja l-missjoni tal-osservazzjoni elettorali tal-OSKE u miżuri tal-bini tal-fiduċja relatati mal-elezzjonijiet;
6. Jemmen li għandhom jissejħu elezzjonijiet parlamentari bikrija wara l-elezzjonijiet presidenzjali u qabel l-aħħar tas-sena, biex isaħħu l-leġittimità tal-istituzzjonijiet Ukraini;
7. Jappoġġja l-idea, proposta mill-Ministru tal-Affarijiet Barranin Deshchytysia, ta' Ukraina nonallinjata, b'xebh għall-mudell Finlandiż, bħala mezz possibbli għat-tnaqqsi tat-tensjoni mar-Russja u li jagħmilha ċara li l-FA jew DCFTA mal-Unjoni Ewropea mhumiex konnessi ma' integrazzjoni fin-NATO;
8. Huwa tal-fehma, barra minn hekk, li riforma kostituzzjonali fl-Ukraina għandha tkun it-tema ta' diskussjoni wiesgħa u fil-fond li tinvolvi lill-elementi kollha tas-soċjetà Ukraina, u li eventwalment għandha twassal għal referendum;
9. Jiddeplora profondament il-fatt li miżura ta' assistenza eċċezzjonali u ta' żmien qasir għall-Ukraina, intiża biex tappoġġja l-osservazzjoni tal-elezzjonijiet u miżuri relatati ta' bini tal-fiduċja fil-kuntast tal-Istrument għall-Istabbiltà u l-Paċi (ISP), tista' ġġarrab

dewmien jew titħassar minħabba n-nuqqas allarmanti ta' pagamenti għall-finanzjament tal-għajnuna esterna tal-UE; iheggegħew sew lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Kunsill biex jippreparaw għat-trasferiment ta' riżorsi finanzjarji bla aktar dewmien, ħalli jippermettu l-funzjonament tajjeb tal-ISO f'waqt meta l-viċinat immedjat tal-UE qed iħabbat wiċċu ma' kriżi daqstant gravi;

10. Jappella, fl-istess waqt, għall-iskjerament sħiħ u effikaċi tal-missjoni tal-OSKE li nġhatat il-kompitu li twettaq monitoraġġ tas-sitwazzjoni fl-Ukraina wara l-okkupazzjoni tal-Krimea; jappella, barra minn hekk, li tiġi estiża għall-Krimea u jilqa' d-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li jiffaċilita l-ħidma ta' din il-missjoni;
11. Jirrimarka li s-sospensjoni tad-drittijiet tal-vot tad-delegazzjoni Russa mill-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa, flimkien mar-risoluzzjoni adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU li tikkundanna lir-Russja għall-annessjoni tal-Krimea, huma sinjali ċari u bla ekwivoċi tal-iżolament dejjem akbar tal-Federazzjoni Russa fil-livell internazzjonali, li l-awtoritajiet Russi għandhom iqisuhom debitament jekk ir-Russja trid tibqa' protagonista internazzjonali kredibbli;
12. Iheggegħew lil-UE tappoġġja l-proċedimenti legali tal-Ukraina fil-qrati internazzjonali u l-korpi ta' arbitraġġ kollha kemm-il darba l-Ukraina tressaq ilmenti rigward il-Krimea u kontroversji bilaterali oħra mar-Russja;
13. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Unjoni Ewropea li tintroduċi sanzjonijiet immirati, inklużi restrizzjonijiet tal-ivvjaġġar u friżi tal-assi, kontra persuni responsabbli għal azzjonijiet ta' intolleranza u mibegħda, inklużi sejħiet għall-gwerra, jew għal azzjonijiet li jistgħu jimminaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukraina, iżda jiddispjaċih għad-deċiżjoni tal-Kunsill Affarjiet Barranin tal-14 ta' April 2014 li ma jirrikorrix għat-tielet fażi ta' sanzjonijiet, minkejja l-eskalazzjoni tal-kriżi;
14. Jirrimarka li l-esportazzjoni ta' armi u teknoloġija militari tista' tipperikola l-istabbiltà u l-paċi tar-reġjun kollu kemm hu; jiddeplora profondament il-fatt li Stati Membri tal-UE esportaw kwantitajiet kbar ta' armi u teknoloġija militari lejn ir-Russja, inklużi kapaċitajiet konvenzjonali strateġiċi maġġuri; jistieden lil Franza, lill-Ġermanja u lill-Italja, bħala l-akbar esportaturi tal-armi lejn ir-Russja, biex jirvedu mill-qiegħ il-politiki tagħhom dwar l-esportazzjoni lejn ir-Russja, jerfgħu r-responsabbiltà u jiżguraw il-konformità mar-reġim ta' kontroll tal-armamenti tal-UE; iheggegħew lill-Gvern Franċiż biex ma jikkonsenjjax l-ewwel bastiment tal-gwerra tal-klassi Mistral fl-1 ta' Novembru 2014 kif ippjanat; jilqa' d-deċiżjoni tal-Gvern Ġermaniż li jissospendi immedjatament il-kooperazzjoni bejn Rheinmetall u l-forzi armati Russi rigward il-kostruzzjoni taċ-ċentru ta' taħriġ għall-kumbattiment;
15. Jilqa' l-iffirmar tad-dispożizzjonijiet provviżorji tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u jistenna l-implimentazzjoni rapida tal-preferenzi kummerċjali awtonomi adottati mill-UE bil-għan li jkopru l-perjodu sa ma jiġi ffirmat il-bqija tal-ftehim, li jinkludi ż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Profond u Komprensiv;
16. Itenni li l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Ukraina ma jikkostitwixxix il-mira aħħarija tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Ukraina; jirrimarka, f'dan ir-rigward, li, skont l-Artikolu 49 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Ukraina – bħal kwalunkwe Stat Ewropew ieħor –

għandha perspettiva Ewropea u tista' tapplika sabiex issir membru tal-Unjoni, dment li taderixxi mal-prinċipji tad-demokrazija, tirrispetta l-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem u dawk tal-minoranzi u tiżgura l-istat tad-dritt;

17. Jistieden lill-Unjoni Ewropea u lill-Gvern tal-Ukraina biex jiżviluppaw u jimplimentaw bla dewmien kampanja effikaċi ta informazzjoni għaċ-ċittadini, jagħmlu programmi li juru l-benefiċċji tal-assoċjazzjoni politika u tal-integrazzjoni ekonomika tal-Ukraina mal-UE, u li jaħdmu kontra kull tagħrif falz u preġudikat, b'mod partikolari fir-reġjuni tal-Lvant u n-Nofsinhar, inkluż fil-livell lokali;
18. Ihegġegħ lill-Gvern Ukrain ivara ġabra ta' riformi strutturali trasparenti u komprensivi li jipprijoritizzaw it-tiżiħ tal-istat tad-dritt, jeqirdu l-korruzzjoni permezz tal-adozzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni meħtieġa, jistabbilixxu sistema bilanċjata u li tiffunzjona sewwa bbażata fuq is-separazzjoni tas-setgħat u allinjata mal-istandards Ewropej, jintroduċu riforma sostanzjali tas-sistema ġudizzjarja u tal-liġi elettoral, u jallinjaw il-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni mal-istandards tal-UE; iqis, barra minn hekk, li huwa tal-akbar importanza li jinbada proċess gradwali tad-deċentralizzazzjoni tas-setgħat ċentrali favur l-amministrazzjonijiet reġjonali u municiċpali, bi qbil mal-prinċipju ta' sussidjarjetà tal-UE, bla ma jimminaw il-bilanċ tas-setgħat interni u l-funzjonament effikaċi tal-istat; jilqa', f'dan ir-rigward, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li toħloq Grupp ta' Appoġġ għall-Ukraina li sejjer jaħdem fuq l-implimentazzjoni tal-'Aġenda Ewropea għal Riforma';
19. Jirrimarka li l-ġabra limitata ta' miżuri adottati mill-UE b'reazzjoni għall-invażjoni tal-Ukraina mir-Russja hija dovuta wkoll għad-dipendenza qawwija tagħha fuq il-Federazzjoni Russa f'dak li jirrigwarda l-provvisti tal-enerġija; iqis li huwa tal-akbar importanza, f'dan ir-rigward, li d-dipendenza tal-UE fuq Moska u fuq reġimi awtoritarji oħra titnaqqas fiż-żmien medju, u li titqies il-possibbiltà ta' bojkott totali, filwaqt li jiġu implimentati alternattivi konkreti għall-għajjnuna lil dawk l-Istati Membri li bħalissa ma għandhom l-ebda għajn oħra ta' enerġija ħliel ir-Russja; jitlob, f'dan ir-rigward, li l-Kummissjoni taħdem għall-implimentazzjoni sħiħa tat-Tielet Pakkett tal-Enerġija u tappoġġja proġetti fil-Kuritur tan-Nofsinhar li jiddiversifikaw il-provvisti tal-enerġija b'mod effikaċi; ihegġegħ lill-Istati Membri biex ma jimpenjawx il-kumpaniji pubbliċi tagħhom fi proġetti ma' kumpaniji Russi li jkabbbru l-vulnerabbiltà tal-Ewropa u, f'dan ir-rigward, jistieden ukoll lill-Kunsill Ewropew jadotta miri nazzjonali vinkolanti dwar l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika għall-2030 li jbaxxu d-dipendenza tal-Ewropa fuq l-importazzjoni tal-fjuwils fossili, kif turi l-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Kummissjoni li takkumpanja l-Komunikazzjoni ta' din tal-aħħar dwar ilpakkett tal-klima u l-enerġija għall-2030, li jinsab fuq l-aġenda tal-Kunsill Ewropew tal-20 u l-21 ta' Marzu;
20. Jilqa' l-miżuri inizjali adottati mill-Kummissjoni biex l-Ukraina tkun tista' tindirizza kriżi tal-enerġija kemm-il darba r-Russja taqta' l-provvisti tal-gass lil dan il-pajjiż, u jhegġegħ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jassistu u jappoġġjaw lil Kiev fl-isforzi tagħha biex issolvi t-tilwima mar-Russja dwar il-gass, li ilha għaddejja ;
21. Jiġbed l-attenzjoni għas-sitwazzjoni soċjali drammatika fil-pajjiż; jisitieden lill-Gvern Ukrain jiżvela kompletament il-kundizzjonijiet marbuta mal-ftehim mal-FMI, u jappella

għal miżuri ta' akkumpanjament maħsuba biex itaffu s-sitwazzjoni tal-lum, b'mod partikolari fir-rigward tal-aktar sezzjonijiet vulnerabbli tal-popolazzjoni; huwa tal-fehma li l-kundizzjonijiet tal-FMI jistgħu ikabbru t-tensjonijiet interni u jwasslu għal tnaqqis rapidu tal-pagi u tal-impjiegi fl-amministrazzjoni pubblika, li jistgħu jwasslu, bħala effett indirett, għal żieda fil-korruzzjoni;

22. Itenni l-appell tiegħu biex titwaqqaf kummissjoni indipendenti li tinvestiga l-isparaturi fi Kiev u l-ġrajjet traġiċi fil-Maidan, u biex din issir operattiva bis-sħiħ rapidament, bl-inklużjoni ta' komponent internazzjonali qawwi u taħt is-supervizzjoni tal-Panel Konsultattiv tal-Kunsill tal-Ewropa;
23. Jissottolinja l-hteġa għal riforma eventwali tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-lingwi, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni ta' Venezja, biex tinġieb fi qbil mal-obbligi tal-Ukraina skont il-Karta Ewropea għal-Lingwi Reġjonali u Minoritarji;
24. jilqa' l-adozzjoni ta' reġima bla viża ben l-UE u l-Moldova, u jistenna bil-ħerqa l-finalizzazzjoni rapida tar-reġim bla viża bejn l-UE u l-Ukraina bħala risposta konkreta għall-aspirazzjonijiet Ewropej tal-poplu li ħa sehem fid-dimostrazzjonijiet fil-pjazza Maidan; jappella, sadattant, għall-introduzzjoni immedjata ta' proċeduri tal-viża temporanji, sempliċi ħafna u rħas;
25. Jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni taħdem flimkien mal-awtoritajiet Ukraini bil-għan li jinstabu modi li bihom jistgħu jiġu kontroblanċjati l-effetti tal-miżuri ta' ritaljazzjoni adottati minn Moska biex iwaqqfu ħesrem l-iffirmar tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni;
26. Jilqa' l-intenzjoni li l-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni mal-Moldova u mal-Ġeorġja jiġu ffirmati sa mhux aktar tard minn Ġunju 2014, u jħeġġeġ lill-Kunsill jagħmel hekk ukoll; huwa tal-fehma li huwa fl-interess tal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant li jsibu modi biex inaqqsu u jegħlbu l-ostakoli kollha li joħolqu inkompatibbiltà maż-Żona Ekonomika Ewropea u mal-Unjoni Doganali; jitlob, għalhekk, djalogu onest u miftuħ mal-Federazzjoni Russa bil-għan li jsir kull sforz sabiex jiġu żviluppati sinerġiji mmirati għall-benefiċċju tal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant;
27. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet tal-Istati Membri, lill-Presidenti, lill-Gvernijiet u lill-Parlamenti tal-Ukraina, tal-Ġeorġja u tal-Moldova, lill-Kunsill tal-Ewropa, lill-OSKE u lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Federazzjoni Russa.